

Brussell, 23 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

12183/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0291(COD)**

---

---

**MI 695  
ECO 101  
ENT 154  
IA 155  
IND 252  
TELECOM 349  
CODEC 1251  
CONSOM 200**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur  |
| data meta waslet: | 23 ta' Settembru 2021  |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2021) 547 final  |
| Suġġett:          | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 547 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 547 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.9.2021  
COM(2021) 547 final

2021/0291 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri  
marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 318 final} - {SWD(2021) 244 final} - {SWD(2021) 245 final} -  
{SWD(2021) 246 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha**

Il-Kummissjoni ilha mill-2009 tfitte li tillimita l-frammentazzjoni tas-suq għall-interfaċċi tal-iċċarġjar għall-mowbajls u apparati simili. Madankollu, tali inizjattivi wasslu biss għal skemi volontarji li ma humiex legalment vinkolanti u għalhekk ma jiżgurawx applikazzjoni konsistenti u uniformi.

F'Ġunju 2009, wara talba mill-Kummissjoni, il-produtturi ewlenin tal-mowbajls qablu li jiffirmaw memorandum ta' qbil (MtQ) dwar l-armonizzazzjoni taċ-ċarġers għall-mowbajls iffaċilitati *mid-data*, mibjugħin fl-UE<sup>1</sup>. Il-firmatarji qablu li jiżviluppaw speċifikazzjoni komuni bbażata fuq l-interfaċċa tal-USB 2.0 micro-B, li tippermetti kompatibilità tal-iċċarġjar sħiħa mal-mowbajls li jkunu se jitqiegħdu fis-suq.

Il-MtQ naqqas il-frammentazzjoni tas-suq u attira allinjament kważi globali. L-implimentazzjoni tiegħu wasslet għal tnaqqis effettiv fl-għadd ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar għall-mowbajls minn 30 għal tlieta biss. Madankollu, il-MtQ ippermetta wkoll l-użu ta' interfaċċi ta' ċċarġjar proprjetarji, u soluzzjoni waħda bħal din kompliet tintuża (u għadha) minn manifattur ewlieni tal-mowbajls, u b'hekk ġiet impedita l-interoperabbiltà sħiħa. Barra minn hekk, il-MtQ qatt ma indirizza l-kwistjonijiet ambjentali li jirriżultaw mill-eżistenza kontinwa ta' dawk l-interfaċċi differenti tal-iċċarġjar u ta' protokoll differenti tal-komunikazzjoni dwar l-iċċarġjar.

Mingħajr l-azzjoni tal-UE, din il-frammentazzjoni tas-suq għall-interfaċċi tal-iċċarġjar u għall-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar hija mistennija li tippersisti u l-impatti ambjentali se jibqgħu ma jiġux indirizzati.

Minn meta l-MtQ skada fl-2014 (wara żewġ ittri ta' tiġdid), il-Kummissjoni Ewropea kienet qed ttipprova trawwem l-adozzjoni ta' ftehim volontarju ġdid. F'Marzu 2018, wara diversi sensiliet ta' diskussjoni fost il-manifatturi rilevanti u skambji ta' fehmiet mal-Kummissjoni, l-industrija pproponiet MtQ ġdid dwar soluzzjoni tal-iċċarġjar komuni futura għall-smartphones. Madankollu, il-Kummissjoni ma qisix li l-MtQ il-ġdid huwa sodisfaċenti peress li ma huwiex konformi mal-oġettivi ta' armonizzazzjoni tal-UE, li jfittxu li jillimitaw il-frammentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar (kemm l-interfaċċi tal-iċċarġjar kif ukoll il-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar) għall-mowbajls u għal oġġetti simili tat-tagħmir tar-radju. Il-MtQ il-ġdid propost kompli jippermetti soluzzjonijiet proprjetarji (mezzi ta' konnessjoni speċifiċi għall-bejjieġħ), li l-Kummissjoni ma għadhiex tqis bħala ġġustifikati fid-dawl tal-vantaġġi tekniċi pprovduti bl-introduzzjoni tal-interfaċċa tal-USB tat-tip-C.

F'dan il-kuntest, fl-2018, il-Kummissjoni nediet studju ta' valutazzjoni tal-impatt għal proposta possibbli mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni komuni għall-iċċarġjar tal-mowbajls (u possibbilment kategoriji jew klassijiet simili oħrajn ta' tagħmir tar-radju). Filwaqt li l-oġettiv oriġinali ta' din l-inizjattiva kien li tittejjeb il-konvenjenza tal-konsumatur, l-istudju kkonkluda li l-impożizzjoni ta' interfaċċa komuni tal-iċċarġjar u protokoll komuni tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar min-naħa tat-tagħmir tar-radju (smartphones, iżda possibbilment anke tablets, kameras, qarrejja, eċċ.), filwaqt li tiġi mħeġġa

---

<sup>1</sup> <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/2417/attachments/1/translations?locale=mt>.

jew imposta s-separazzjoni (jiġifieri l-provvista lill-utent finali tat-tagħmir tar-radju mingħajr l-apparat tal-iċċarġjar), tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u tnaqqas l-iskart elettroniku (e-skart). Huwa kkonkluda li l-armonizzazzjoni biss tal-interfaċċa tal-iċċarġjar (fil-każ ta' tagħmir tar-radju ċċarġjat permezz ta' ċarġ bil-fili, fejn din l-interfaċċa tkun ir-riċipjent tal-iċċarġjar) ma tiksibx interoperabbiltà sħiħa taċ-ċarġ. Fil-fatt, attwalment, jeżistu diversi protokoll ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar u mhux kollha jiżguraw l-istess prestazzjoni tal-iċċarġjar jekk jintuża apparat tal-iċċarġjar minn ditta oħra. Barra minn hekk, l-istudju kkonkluda li apparat komuni tal-iċċarġjar għal tipi differenti ta' tagħmir tar-radju x'aktarx li jżid il-konvenjenza tal-konsumatur b'mod ġenerali. Fir-rigward tal-iċċarġjar mingħajr fili (jiġifieri teknoloġija tal-iċċarġjar b'mod aktar ġenerali għajr l-iċċarġjar bil-fili), l-istudju kkonkluda li jekk ikun hemm xi skoperti fit-teknoloġija tal-iċċarġjar mingħajr fili, dan jista' jdgħajjef ir-raġunament għal soluzzjoni ta' konnettur komuni, billi jnaqqas b'mod sinifikanti r-rilevanza tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar bil-fili b'mod ġenerali. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, f'Ottubru 2020, il-Kummissjoni nediet żewġ studji komplementari, dwar is-separazzjoni tal-mowbajls u apparat elettroniku portabbli simili u teknoloġiji tal-iċċarġjar mingħajr fili sabiex issaħħaħ il-bażi tal-evidenza għall-proposta.

F'Jannar 2020, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni<sup>2</sup> li titlob l-adozzjoni urġenti ta' standard għal ċarġer komuni għall-mowbajls sabiex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-suq intern. B'mod speċifiku, ir-riżoluzzjoni talbet lill-Kummissjoni tadotta miżura leġiżlattiva, jekk ikun meħtieġ, biex jiġi stabbilit ċarġer komuni. Hija ħeġġet lill-Kummissjoni wkoll tiżgura li l-konsumaturi ma jibqgħux obbligati jixtru ċarġers ġodda ma' kull oġġett ġdid ta' tagħmir tar-radju u li l-miżuri ta' separazzjoni (li jikkonsistu fil-provvista lill-utent finali ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparat tal-iċċarġjar) jenħtieġ li jiġu introdotti b'soluzzjoni komuni tal-iċċarġjar, inkella l-għan tat-tnaqqis tal-volum tal-apparati tal-iċċarġjar prodotti fis-sena u għaldaqstant it-tnaqqis tal-iskart elettroniku (e-skart) ma jintlaħaqx.

Il-Kummissjoni aġġustat il-programm ta' ħidma tal-2020<sup>3</sup>, li speċifikament jiddikjara li se jkun hemm proposta ġdida dwar ċarġers komuni għall-mowbajls u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju.

Sabiex jintlaħaq l-għan aħħari ta' ċarġer komuni u bħala prekondizzjonijiet għal separazzjoni sinifikanti u li tħalli impatt, it-tliet studji ta' sostenn li twettqu sabu li dak it-tagħmir tar-radju għandu jintegra: interfaċċa tal-iċċarġjar armonizzata fit-tarf tat-tagħmir tar-radju (ir-riċipjent tal-iċċarġjar fil-każ ta' tagħmir tar-radju ċċarġjat permezz tal-iċċarġjar bil-fili), interoperabbiltà komuni minima tal-iċċarġjar permezz ta' protokoll armonizzat ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar, u informazzjoni dettaljata dwar ir-rekwiżiti tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju.

Id-disinn tat-tagħmir tar-radju jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/53/UE<sup>4</sup> dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju. Min-naħa l-oħra, il-karatteristiċi tal-provvista tal-elettriku esterna jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija<sup>5</sup>.

---

<sup>2</sup> 2019/2983(RSP)

<sup>3</sup> COM(2020) 440 final

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Din il-proposta għandha l-għan li tipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq fir-rigward tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u tal-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, ittejjeb il-konvenjenza tal-konsumatur u tnaqqas l-e-skart. B'mod partikolari, hija se:

- tarmonizza l-interfaċċa tal-iċċarġjar għall-mowbajls u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju (tablets, kameras diġitali, kuffji, consoles tal-logħob vidjo li jinżammu fl-idejn u spikers portabbli) li jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili, sabiex ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid bl-użu ta' reċipjent komuni tal-iċċarġjar;
- tiggarrantixxi li tali apparati, fejn jappoġġaw l-iċċarġjar rapidu, jinkorporaw mill-inqas l-istess protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar;
- tippermetti l-armonizzazzjoni futura f'dan il-qasam b'rispons għall-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż l-armonizzazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' interfaċċa tal-iċċarġjar minbarra l-iċċarġjar bil-fili;
- tintroduċi rekwiżiti sabiex l-utenti finali ma jkunux obbligati jixtru apparat ġdid għall-iċċarġjar kull meta jixtru mowbajl ġdid jew oġġett simili ta' tagħmir tar-radju u;
- tintroduċi rekwiżiti sabiex, meta jixtru mowbajl jew oġġett ta' tagħmir tar-radju simili, l-utenti finali jirċievu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi tal-prestazzjoni tal-iċċarġjar tiegħu u l-apparat tal-iċċarġjar li jista' jintuża miegħu.

Twettaq Valutazzjoni tal-Impatt biex jiġu eżaminati l-għażliet ta' politika għal:

- (a) l-armonizzazzjoni tal-interfaċċa tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju;
- (b) l-appoġġ għall-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar rilevanti dwar it-tagħmir tar-radju u l-informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prestazzjoni tal-iċċarġjar; u
- (c) it-tqegħid fis-suq ta' mill-inqas soluzzjoni separata.

| Għażla ta' Politika | (A) L-armonizzazzjoni tal-konnettur tal-apparat finali | (B) L-appoġġ tal-protokoll tal-iċċarġjar rilevanti dwar l-apparat finali u l-informazzjoni tal-konsumaturi dwar il-prestazzjoni tal-iċċarġjar | (C) L-għemil disponibbli fis-suq ta' mill-inqas soluzzjonijiet separati <sup>6</sup> |
|---------------------|--|---|--|
| <b>Għażla 0</b>     | L-ebda azzjoni   | L-ebda azzjoni  | L-ebda azzjoni   |
| <b>Għażla 1</b>     | <b>Obbligatorju</b>                                    | L-ebda azzjoni  | L-ebda azzjoni   |
| <b>Għażla 2</b>     | L-ebda azzjoni   | <b>Obbligatorju</b>   | L-ebda azzjoni   |
| <b>Għażla 3</b>     | L-ebda azzjoni   | <b>Obbligatorju</b>   | <b>Obbligatorju</b>  |
| <b>Għażla 4</b>     | <b>Obbligatorju</b>                                    | <b>Obbligatorju</b>   | L-ebda azzjoni   |
| <b>Għażla 5</b>     | <b>Obbligatorju</b>                                    | <b>Obbligatorju</b>   | <b>Obbligatorju</b>  |

Għall-għażliet kollha, hemm sottogħażliet b'kamp ta' applikazzjoni limitat (jiġifieri li jkopru l-mowbajls biss) jew b'kamp ta' applikazzjoni usa' (inklużi wkoll ċerti apparati b'karatteristiċi tal-iċċarġjar li huma komparabbli ma' dawk ta' mowbajl). L-għażla ta' politika ppreferuta hija l-għażla 5 b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' peress li tinvolvi l-kompromess l-aktar ġust bejn l-oġġettivi kollha u tippermetti sitwazzjoni li tkun tajba għal kulħadd għall-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati u l-ambjent.

<sup>6</sup> jiġifieri l-apparat se jinbiegħ mingħajr ċarġer fil-kaxxa (xorta waħda se jkun permess kejbil li jinqala', b'mod diskrezzjonali)

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tintroduċi rekwiżiti addizzjonali, li għandhom jiġu applikati għall-mowbajls u għal kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju simili, fid-Direttiva 2014/53/UE, li tistabbilixxi qafas regolatorju għall-għemil disponibbli fis-suq u d-dħul fis-servizz fl-Unjoni ta' tagħmir tar-radju u tiggarrantixxi l-funzjonament xieraq tas-suq intern għal dak l-apparat.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta hija relatata mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal Ekonomija Ċirkolari, li jħabbar inizjattivi li jaffettwaw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott kollu kemm hu, eż. li jimmira d-disinn tagħhom, li jippromwovi l-proċessi tal-ekonomija ċirkolari, li jrawwem il-konsum sostenibbli, u li għandu l-għan li jiżgura li r-riżorsi użati jinżammu fl-ekonomija tal-UE għall-aktar żmien possibbli.

Proposta għal leġislazzjoni dwar ċarġers komuni għall-mowbajls u kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju simili hija inkluża taħt it-tieni prijorità tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 ("Ewropa lesta għall-era diġitali").

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-istess bażi ġuridika bħall-att leġislattiv li qiegħed jiġi emendat, jiġifieri l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Is-suq intern huwa kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Wieħed mill-oġettivi tad-Direttiva 2014/53/UE huwa li jiġi garantit il-funzjonament xieraq tas-suq intern. L-Artikolu 3(3)(a) tad-Direttiva, li japplika jekk jiġi adottat att delegat rilevanti tal-Kummissjoni, jirreferi għal ċarġers komuni.

Il-Permessi 12 tad-Direttiva tiddikjara li l-interoperabilità bejn it-tagħmir tar-radju u l-aċċessorji bħaċ-ċarġers tissimplifika l-użu tat-tagħmir tar-radju u tnaqqas il-ħela u l-ispejjeż bla bżonn.

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'dan il-qasam se jwassal għal differenzi sostanzjali bejn il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet jew il-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-interoperabilità tal-mowbajls u kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju simili b'apparat komuni tal-iċċarġjar u dwar is-separazzjoni.

L-azzjoni fil-livell nazzjonali biex jiġu indirizzati l-problemi tista' toħloq ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Barra minn hekk, l-azzjoni fil-livell nazzjonali hija limitata għat-territorju tal-Istat(i) Membru/i inkwistjoni. Fid-dawl tal-internazzjonalizzazzjoni akbar tal-kummerċ, l-għadd ta' każijiet transfruntiera qiegħed jiżdied kontinwament. Azzjoni koordinata fil-livell tal-UE se tilħaq l-oġettivi miftiehma b'mod ħafna aktar effiċjenti, u,

b'mod partikolari, se tagħmel is-sorveljanza tas-suq aktar effettiva. Għaldaqstant, huwa xieraq li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-emendi proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti.

Ir-rekwiżiti ġodda jew emendati ma jimponux piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija (speċjalment fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) jew fuq l-amministrazzjonijiet. Fejn ikunu ġew identifikati impatti negattivi, l-analiżi tal-għażla ppreferuta tipproponi l-aktar rispons proporzjonat.

- **Għażla tal-istrument**

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/53/UE jistgħu jiġu emendati permezz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/53/UE. Id-Direttiva emendatorja jenħtieġ li tiġi trasposta mill-Istati Membri permezz ta' strumenti legali nazzjonali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-attivitajiet ta' konsultazzjoni li ġejjin twettqu bejn Mejju 2019 u April 2021 sabiex jiġu vvalutati oqsma potenzjali għar-reviżjoni u l-impatti tal-għażla politika ssuġġerita f'diversi oqsma:

- valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (2018-2019) li kellha lil ċittadini, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), assoċjazzjonijiet tal-manifatturi, u manifatturi individwali fil-mira tagħha;
- konsultazzjoni pubblika (2019) li kellha lill-Istati Membri, liċ-ċittadini, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, lill-NGOs, lill-assoċjazzjonijiet tal-manifatturi, u lil manifatturi individwali fil-mira tagħha;
- żewġ sħarriġiet tal-konsumaturi (2019 u 2021) li kellhom liċ-ċittadini fil-mira tagħhom;
- sħarriġ tal-partijiet ikkonċernati (2020-2021) li kellu lill-Istati Membri, liċ-ċittadini, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, u lill-manifatturi fil-mira tiegħu;
- intervisti mmirati (2021) li kellhom lil assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, lil assoċjazzjonijiet ambjentali, lil awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, lil NGOs, lil assoċjazzjonijiet tal-manifatturi, u lill-manifatturi fil-mira tagħhom;
- laqgħat tal-grupp ta' esperti li kellhom lil assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, Stati Membri, awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, NGOs, assoċjazzjonijiet u manifatturi fil-mira tagħhom.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-Kummissjoni nediet studju ta' valutazzjoni tal-impatt appoġġat minn tliet studji għal proposta legali possibbli li għandha l-għan li: tneħħi l-frammentazzjoni u tindirizza l-konvenjenza tal-konsumatur; tnaqqas l-e-skart; tkun tħares 'il quddiem u timmonitorja s-sitwazzjoni attwali tat-teknoloġiji futuri tal-iċċarġjar (eż. mingħajr fili), bl-għan li tevita l-frammentazzjoni iżda mingħajr ma tiġi mxekkla l-innovazzjoni. It-tliet studji ta' sostenn huma: studju ta' valutazzjoni tal-impatt dwar soluzzjoni komuni għall-iċċarġjar ta' mowbajls u possibbilment apparati portabbli żgħar u medji oħrajn (“l-ewwel studju”)<sup>7</sup>; valutazzjoni tal-istatus tat-teknoloġiji tal-iċċarġjar mingħajr fili użati għall-mowbajls u għal apparati simili (“it-tieni studju”); u studju ta' valutazzjoni tal-impatt dwar id-separazzjoni taċ-Ċarġers (“it-tielet studju”).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-ewwel studju ta' appoġġ sab li l-MtQ tal-2009 kien effettiv fl-armonizzazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar (kemm l-interfaċċa tal-iċċarġjar kif ukoll il-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar) u fit-titjib tal-konvenjenza tal-konsumatur. Madankollu, ma kienx kiseb armonizzazzjoni sħiħa tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar. Barra minn hekk, is-separazzjoni ma kinitx inkisbet b'mod sinifikanti, b'xi manifatturi biss fl-Unjoni joffru lill-konsumaturi l-għażla li jixtru mowbajl mingħajr apparat tal-iċċarġjar, u b'hekk jillimitaw il-benefiċċji mistennija għall-ambjent.

L-ewwel studju sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-UE li pparteċipaw fil-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar iċ-ċarġers tal-mowbajls ma kinux sodisfatti (41 %) jew xejn ma kienu sodisfatti (22 %) bis-“sitwazzjoni attwali rigward iċ-ċarġers tal-mowbajls u bl-interkonnessjoni bla xkiel tagħhom”, u 76 % qablu jew qablu “bis-sħiħ” li s-sitwazzjoni attwali tirriżulta f'inkonvenjenza għall-utenti tal-mowbajls. Deher ukoll li kien hemm appoġġ fost ir-rispondenti għal ċarġer komuni. 63 % kienu favur li l-Unjoni teżerċita s-setgħa regolatorja tagħha biex timponi standard għaċ-ċarġers, filwaqt li 31 % qiesu li l-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi ftehim mal-industrija kollha. Huma 6 % biss taċ-ċittadini mistħarrġa li ssuġġerew li l-Unjoni jeħtieġ li toqgħod lura minn kwalunkwe forma ta' intervent. L-awtoritajiet pubbliċi, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi esprimew ukoll appoġġ għal soluzzjoni komuni tal-iċċarġjar.

L-ewwel studju sab ukoll li l-konsum ta' materja prima għall-produzzjoni ta' apparat għall-iċċarġjar għandu impatti ambjentali kif ukoll impatti f'termini tal-ġenerazzjoni tal-e-skart fi tmiem il-ħajja tal-prodott. Huwa stima li l-apparat tal-iċċarġjar tal-mowbajls kien responsabbli għal madwar 11 000 t ta' e-skart fl-2018 u l-emissjonijiet assoċjati taċ-ċiklu tal-ħajja kienu madwar 600 ktCO<sub>2</sub>e. Dawk l-ammonti huma mistennija jżiedu fis-snin li ġejjin, xprunati prinċipalment mix-xejra lejn ċarġers veloċi li jifilħu aktar.

L-istudju jirreferi għal żvilupp teknoloġiku ewlieni ieħor: l-iċċarġjar b'kuntatt mhux elettriku (mingħajr fili). Din it-teknoloġija tiddependi fuq interfaċċja tal-iċċarġjar li ma tużax reċipjent tal-iċċarġjar iddedikat (għall-kuntrarju tat-tagħmir tar-radju, li jiġi ċċarġjat permezz ta' konnessjoni bil-fili). Mill-introduzzjoni ta' mowbajls li jistgħu jiġu ċċarġjati b'mod mingħajr fili, l-adozzjoni tagħhom mill-konsumatur kibret b'mod kostanti. Bejn l-2016 u l-2018, il-bejgħ żdied b'sitt darbiet, għal madwar 44 miljun unità, jew madwar 28 % tal-bejgħ fl-2018<sup>8</sup>. Madankollu, din it-teknoloġija bħalissa ma hijiex meqjusa bħala sostituzzjoni għall-iċċarġjar

<sup>7</sup> <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c6fadfea-4641-11ea-b81b-01aa75ed71a1>

<sup>8</sup> Innota li dawn iċ-ċifri jirreferu għal mowbajls mingħajr fili, jiġifieri mhux għal mowbajls li jiġu b'apparat tal-iċċarġjar mingħajr fili, iżda dawk li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid b'apparat tal-iċċarġjar mingħajr fili li jeħtieġ li jinxtara separatament.

bil-fili minħabba r-rati ta' effiċjenza ta' tali ċarġers. Barra minn hekk, minħabba l-koeżistenza attwali tal-iċċarġjar mingħajr fili u tal-iċċarġjar konvenzjonali bil-fili, il-potenzjal għattnaqqs tal-e-skart huwa limitat peress li ċ-ċarġers mingħajr fili jagħmlu użu aktar intensiv ta' materjali minn ċarġers bil-fili.

L-ewwel studju kkunsidra wkoll sa liema punt inizjattiva dwar ċarġer komuni tista' tappoġġa x-xejra attwali ta' separazzjoni volontarja (jiġifieri operatori ekonomiċi li joffru mowbajls mingħajr apparat tal-iċċarġjar) sabiex jiġu żgurati benefiċċji ambjentali u l-klijenti jingħataw dik l-għażla. Huwa kkonkluda li tali inizjattiva, akkumpanjata minn miżuri oħrajn biex tiġi stimolata s-separazzjoni, tista' tikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali tal-UE. Aktar ma tkun għolja r-rata ta' separazzjoni, aktar ikunu kbar il-benefiċċji għall-ambjent u għall-konsumaturi, f'termini ta' ffrankar tal-ispejjeż u ta' konvenjenza.

Skont *it-tieni studju*, l-iċċarġjar mingħajr fili għadu teknoloġija li għadha qed tiżviluppa, li turi frammentazzjoni baxxa tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u livell tajjeb ta' interoperabbiltà fost is-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar, għalhekk jidher li huwa kmieni wisq biex jiġu introdotti rekwiżiti obbligatorji għal dik it-teknoloġija. Madankollu, hekk kif it-teknoloġija tiżviluppa u tiġi inkorporata f'aktar prodotti, tista' tiġi żviluppata aktar frammentazzjoni jekk jintużaw interfaċċi tal-iċċarġjar u protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar differenti.

Skont *it-tielet studju*, l-għażliet ta' separazzjoni jinvolvu kompromessi ċari u ovvjii ħafna, l-aktar importanti dawk tal-benefiċċji ambjentali meta mqabbla ma' kost finanzjarju u telf ta' konvenjenza għall-konsumaturi. Il-maġġoranza tar-rispondenti tal-istħarriġ tal-partijiet ikkonċernati, (l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċittadini privati), ippreferew l-għażla li l-manifatturi u d-distributuri jiġu obbligati jagħtu lill-klijenti l-għażla ta' jekk jixtrux provvista tal-elettriku esterna (EPS) ġdida u/jew kejbil ma' mowbajl ġdid. Madankollu, sitta minn kull għaxar rispondenti tal-industrija ħassew li kull manifattur jew distributtur tal-mowbajls jenħtieġ li jkun liberu li jagħżel kif ibiġh il-mowbajls u ċ-ċarġers tiegħu (jiġifieri x'jinkludi fil-kaxxa tal-bejgħ bl-imnut).

It-tielet studju indika li, minn Ottubru 2020, xi manifatturi (li jammontaw għal 30- 40 % tas-sehem mis-suq) kienu ħabbru t-tneħħija tal-EPS (u aċċessorji oħra) mill-kaxxa tal-bejgħ bl-imnut għal ċerti mudelli ġodda. Oħrajn qed jikkunsidraw l-għażliet tagħhom, u jidher probabbli ħafna li mill-inqas xi wħud, fil-futur qrib, se jibdew joffru wkoll soluzzjonijiet separati. Madankollu, dawk il-manifatturi li investew ħafna fit-teknoloġija tal-iċċarġjar proprjetarju jidhru inqas ħerqana, peress li l-prestazzjoni għolja tal-iċċarġjar tal-mowbajls aggregati tagħhom u tal-EPS hija parti importanti mill-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Madankollu, il-manifatturi li żviluppaw dawn is-soluzzjonijiet jonqsu milli juru li dan huwa minħabba l-iżvilupp u mhux minħabba li s-soluzzjoni tagħhom timblokka jew tillimita l-effiċjenza tal-użu ta' ċarġers oħra.

Interfaċċa armonizzata tal-iċċarġjar fit-tmiem tat-tagħmir tar-radju (jiġifieri fil-każ ta' tagħmir tar-radju ċċarġjat permezz ta' ċċarġjar bil-fili, jiġifieri r-reċipjent tal-iċċarġjar), l-interoperabbiltà komuni minima ta' ċċarġjar permezz ta' protokoll armonizzat ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar, u l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju tagħhom huma għalhekk prekondizzjonijiet għal separazzjoni sinifikanti u li tħalli impatt.

Twettqet valutazzjoni tal-impatt li eżaminat l-għażliet ta' politika li jikkombinaw it-tliet (3) miżuri differenti ta': (a) l-armonizzazzjoni tal-interfaċċa tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju; (b) l-appoġġ għall-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar rilevanti dwar it-tagħmir tar-radju u l-informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prestazzjoni tal-iċċarġjar; u (c) l-għemil disponibbli fis-suq ta' mill-inqas soluzzjoni sseparata.

Għall-għażliet kollha, hemm sottogħażliet ta' kamp ta' applikazzjoni dejjaq (jiġifieri mowbajls biss) jew kamp ta' applikazzjoni usa' (ċerti apparati b'karatteristiċi tal-iċċarġjar li huma komparabbli ma' dawk ta' mowbajl). L-għażla ta' politika ppreferuta hija l-għażla 5 b'kamp ta' applikazzjoni wiesa' minħabba li tinvolvi l-kompromess l-aktar ġust bejn l-oġġettivi kollha u sitwazzjoni fejn kulħadd jirbaħ għall-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati u l-ambjent.

L-għażla 5 hija mistennija li tiġġenera benefiċċji ambjentali billi tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) b'madwar 180 ktCO<sub>2</sub>e fis-sena, l-użu tal-materjali b'madwar 2 600 t fis-sena, u tnaqqas l-e-skart b'980 t fis-sena. Is-separazzjoni tal-EPS tikkontribwixxi l-aktar bis-saħħa ta' inqas estrazzjoni ta' riżorsi, manifattura, trasport, użu u rimi taċ-ċarġers.

Fir-rigward tal-konvenjenza tal-konsumatur, l-għażla ppreferuta se tiżgura l-interoperabbiltà permezz ta' interfaċċa komuni u l-prestazzjoni tal-iċċarġjar, tnaqqas il-bejgħ ta' EPS u kejbils awtonomi u tippromwovi l-użu mill-ġdid tagħhom. Fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-interfaċċa tal-iċċarġjar, l-impożizzjoni ta' port tal-iċċarġjar tal-USB tat-tip C fuq it-tagħmir tar-radju hija biżżejjed biex tindirizza l-inkonvenjenza li jiffaċċjaw il-konsumaturi li mhumiex kapaċi jiċċarġjaw l-apparat tagħhom minħabba li ma hemm l-ebda ċarġer kompatibbli għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan se jissarraf ukoll fi tnaqqis fl-infiq tal-konsumaturi fuq dawk l-oġġetti b'madwar EUR 250 miljun fis-sena.

L-għażla ppreferuta hija mistennija li ttejjeb il-fatturat tal-operaturi ekonomiċi b'mod ġenerali b'EUR 105 miljun fis-sena. Il-benefiċċji tal-fatturat għall-bejjiegħa bl-imnut u għad-distributuri (EUR 457 miljun fis-sena), l-apparati tal-iċċarġjar li ma humiex inklużi fil-kaxxa tal-bejgħ bl-imnut u għalhekk li qed jinxtrow aktar ta' spiss b'mod awtonomu jegħlbu l-impatt negattiv fuq il-fatturat tal-manifatturi tal-apparat (EUR 352 miljun fis-sena) imġarrba mill-implimentazzjoni tal-konnettur komuni għall-manifatturi tal-apparat kif ukoll mit-telf ta' profitt għall-manifatturi tal-EPS.

Il-kostijiet diretti għall-manifatturi li ma jużawx il-konnettur komuni u li jridu jfasslu mill-ġdid l-apparat tagħhom se jiġu mmitigati b'perjodu ta' tranżizzjoni u għalhekk jitqiesu negliġibbli. Il-kostijiet diretti għall-manifatturi li bħalissa jużaw protokoll ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar mgħaġġel proprjetarji li mhumiex kompatibbli mas-soluzzjoni komuni huma stmati li jlaħħqu EUR 30 miljun. Il-kostijiet indiretti huma diffiċli biex jiġu stmati (minħabba n-nuqqas ta' rieda tal-manifatturi li jiżvelaw tali informazzjoni) u jfeġġu biss mit-telf ta' royalties għal manifatturi li għadhom ma jużawx il-konnettur komuni għall-prodotti tagħhom.

|  | <b>Benefiċċju (annwali)</b> | <b>Kost (annwali)</b>                                     |
|--|-----------------------------|---|
| L-emissjonijiet tal-GHG  | 180 ktCO <sub>2</sub> e     |   |
| Użu tal-materjali  | 2 600 tunnellata            |   |
| E-skart  | 980 tunnellata              |   |
| L-infiq tal-konsumatur   | 250 m€                      |   |
| Fatturat għall-bejjiegħa bl-imnut u għad-distributuri                        | 457 m€                      |   |
| Fatturat għall-manifatturi fuq livell dinji                                  |                             | 352 m€  |
| Iddisinjar mill-ġdid tal-apparat għall-implimentazzjoni ta' konnettur komuni |                             | Inkluż f'dan ta' hawn fuq.<br>Immitigati mill-perjodu ta' |

|  |  |  |
|--|--|--|
|  |  | tranżizzjoni peress li aktar u aktar manifatturi jmorru lejn il-konnettur komuni anki fil-linja bażi |
| L-implimentazzjoni ta' protokoll komuni tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar |  | Inkluża f'dan ta' hawn fuq.  |
| L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' separazzjoni                       |  | Inkluża f'dan ta' hawn fuq.  |
| Telf ta' royalties   |  | Ma jistax jiġi stmat   |

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Id-Direttiva 2014/53/UE diġà tirrikjedi li l-manifatturi jiżguraw li t-tagħmir tar-radju mqiegħed fis-suq tal-Unjoni jkun iddisinjat u manifatturat f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fih u li jkun akkumpanjat mill-informazzjoni (eż. dwar is-sikurezza, l-użu maħsub tat-tagħmir tar-radju u r-restrizzjonijiet fuq l-użu). Ir-rekwiżiti l-ġodda se japplikaw biss għal xi kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju u għalhekk ma humiex mistennija li joħolqu piż addizzjonali.

L-emendi ma humiex estensivi u ma jbiddux il-qafas legali attwali dwar it-tagħmir tar-radju b'mod sinifikanti.

- **Drittijiet fundamentali**

L-armonizzazzjoni tal-interfaċċja għall-mowbajls u għal apparati simili oħrajn, sa fejn dawn jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili, sabiex ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid billi jintuża reċipjent komuni tal-iċċarġjar u protokoll komuni għall-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, u s-separazzjoni ta' dawk l-apparati miċ-ċarġers tagħhom se żżid il-livell ta' protezzjoni ambjentali (l-Artikolu 37 tal-Karta) u l-protezzjoni tal-konsumatur (l-Artikolu 38 tal-Karta).

Huwa stmat li ċ-ċarġers tal-mowbajls kienu responsabbli għal madwar 11 000 tunnellata ta' e-skart fl-2018 u għall-emissjonijiet assoċjati taċ-ċiklu tal-ħajja kienu madwar 600 ktCO<sub>2</sub>e. Dawn l-ammonti huma mistennija li jiżdiedu xi ftit fis-snin li ġejjin, xprunati b'mod partikolari mix-xejra ta' ċaqliq lejn ċarġers veloċi aktar robusti.

Għalhekk, il-proposta se tnaqqas l-iskart ambjentali u se tiżgura l-konvenjenza tal-konsumatur.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta se temenda d-Direttiva 2014/53/UE li diġà teħtieġ fl-Artikolu 47 tagħha:

- li l-Kummissjoni tirrieżamina l-operat tad-Direttiva u tirrapporta dwarha sentejn wara d-data tal-applikabbiltà tad-Direttiva u kull ħames snin wara dan; u
- li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tagħha sena wara d-data tal-applikabbiltà tad-Direttiva u kull sentejn minn hemm 'il quddiem.

L-Artikolu 2 tal-proposta jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni tal-emendi.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost huwa ta' rilevanza għaż-ŻEE u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għaliha.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 tal-proposta jemenda ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/53/UE.

L-emendi ewlenin li jridu jiġu introdotti fid-Direttiva 2014/53/UE mill-proposta huma dawn li ġejjin.

- (1) Jiżdied paragrafu ġdid fl-Artikolu 3 (li jistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali) u jiddaħħal Anness ġdid.

Il-paragrafu 4 il-ġdid (l-Artikolu 3): Dan il-paragrafu jeħtieġ li l-oġġetti tat-tagħmir tar-radju, elenkati f'Anness ġdid (Parti I) miżjud mill-proposta, jikkonformaw mal-interfaċċa tal-iċċarġjar u mal-protokoll ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar deskritti f'dak l-Anness il-ġdid. L-istess paragrafu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li temenda, permezz ta' atti delegati, il-kontenut tal-Anness il-ġdid li jista' jippermetti wkoll fil-futur, jekk ikun meħtieġ, li jiġi indirizzat kwalunkwe tip addizzjonali ta' teknoloġiji tal-iċċarġjar minbarra l-iċċarġjar bil-fili

Anness ġdid (Parti I): Dan jeħtieġ li l-mowbajls u t-tagħmir tar-radju simili, jekk ikunu kapaċi jiġu ċċarġjati mill-ġdid permezz ta' ċċarġjar bil-fili, ikunu mgħammra bir-reċipjent tal-USB tat-Tip C u, jekk ikunu jeħtieġu wkoll iċċarġjar b'vultaġġi ogħla minn 5 volts jew kurrenti ogħla minn 3 amperes jew powers ogħla minn 15-il watt, jinkorporaw il-protokoll ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar tat-twassil tal-enerġija bil-USB.

- (2) Jiddaħħal Artikolu 3a ġdid dwar il-provvista ta' ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparati tal-iċċarġjar.

- (3) Dan l-Artikolu l-ġdid jirrikjedi li jekk operatur ekonomiku jforni t-tagħmir tar-radju lill-utenti finali flimkien ma' apparat tal-iċċarġjar, l-operatur ekonomiku għandu jkun meħtieġ joffri wkoll li jforni lill-utenti finali kollha l-istess tagħmir tar-radju mingħajr ebda apparat tal-iċċarġjar.
- (4) L-Artikolu 10(8) huwa emendat sabiex jiżdied rekwiżit ġdid ta' informazzjoni.
- (5) B'mod aktar speċifiku, fil-każ ta' tagħmir tar-radju li għalih japplikaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-proposta, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prestazzjoni tal-iċċarġjar tiegħu kif ukoll il-kunsinna tal-elettriku tal-apparat tal-iċċarġjar li tista' tintuża ma' dak it-tagħmir tar-radju. Id-dettalji tal-informazzjoni huma speċifikati fl-Anness il-ġdid (il-Parti II) u l-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda, permezz ta' atti delegati, il-kontenut ta' dak l-Anness il-ġdid (il-parti II).
- (6) L-Artikolu 17, li jstabilixxi l-proċeduri applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità, biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE, huwa emendat sabiex jiżdiedu r-referenzi, fil-paragrafu 2 tagħha, għal dawk ir-rekwiżiti l-ġodda li huma proposti li jiddaħħlu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE (rekwiżiti essenzjali).
- (7) Għalhekk, il-manifattur dejjem ikollu l-għażla li jsegwi l-proċedura ta' kontroll intern tal-prodott sabiex juri l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti l-ġodda (rekwiżiti essenzjali).
- (8) L-Artikoli 40 u 43 huma emendati sabiex jiġu allinjati mar-rekwiżiti l-ġodda miżjuda mill-proposta.
- (9) B'dan il-mod, l-Istati Membri se jkollhom is-setgħat li jieħdu miżuri kontra dawk il-prodotti, li ma humiex konformi mar-rekwiżiti l-ġodda.
- (10) L-Artikolu 44, li huwa dwar is-setgħat delegati huwa emendat sabiex jiżdiedu referenzi għas-setgħat delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz tal-proposta.

L-Artikolu 2 jirrikjedi li l-Istati Membri jittrasponu l-emendi sa [\[PO jekk jogħġbok daħħal id-data – 12-il xahar wara l-adozzjoni\]](#) u japplikawhom minn [\[PO jekk jogħġbok daħħal id-data 12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni indikat fil-paragrafu ta' hawn fuq\]](#).

Kwalunkwe rekwiżit li għandu jiġi introdott mill-proposta mhux se japplika għal kwalunkwe apparat tar-radju mqiegħed fis-suq tal-Unjoni qabel dik id-data tal-applikabbiltà ta' din id-Direttiva.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2014/53/UE dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Wieħed mill-oġġettivi tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> huwa li jiġi ggarantit il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Skont l-Artikolu 3(3), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, wieħed mir-rekwiżiti essenzjali li jrid jissodisfa t-tagħmir tar-radju huwa li dan ikun interoperabbli mal-aċċessorji, b'mod partikolari maċ-ċarġers komuni. F'dak ir-rigward, il-premessa (12) tad-Direttiva 2014/53/UE tindika li l-interoperabbiltà bejn it-tagħmir tar-radju u l-aċċessorji bħaċ-ċarġers tissimplifika l-użu tat-tagħmir tar-radju u tnaqqas l-iskart u l-ispejjeż bla bżonn.
- (2) Mill-2009, saru sforzi fil-livell tal-Unjoni biex tiġi limitata l-frammentazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar għall-mowbajls u għal oġġetti simili tat-tagħmir tar-radju. Inizjattivi volontarji riċenti ma jissodisfawx bis-sħiħ l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni biex jitnaqqas l-iskart elettroniku (e-skart), tiġi żgurata l-konvenjenza tal-konsumatur u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq għall-apparati tal-iċċarġjar.
- (3) L-Unjoni hija impenjata li tagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi billi timxi lejn ekonomija nadifa u ċirkolari permezz tal-introduzzjoni ta' inizjattivi bħad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> u aktar reċentement permezz tal-introduzzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din id-Direttiva għandha l-

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

għan li tnaqqas l-e-skart iġġenerat mill-bejgħ ta' tagħmir tar-radju u li tnaqqas l-estrazzjoni ta' materja prima u l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> iġġenerati mill-produzzjoni, mit-trasport u mir-rimi ta' ċarġers, u b'hekk tippromwovi ekonomija ċirkolari.

- (4) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni pprova għal inizzjattivi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti, fejn poġġa d-disinn tagħhom fil-mira tiegħu, filwaqt li ppromwova l-proċessi tal-ekonomija ċirkolari, rawwem il-konsum sostenibbli, u mmira li jiġi żgurati li r-riżorsi użati jinżammu fl-ekonomija tal-Unjoni għall-aktar żmien possibbli.
- (5) Il-Kummissjoni lestiet studju ta' valutazzjoni tal-impatt, li wera li s-suq intern ma huwiex qed jisfrutta l-potenzjal sħiħ tiegħu peress li l-frammentazzjoni kontinwa tas-suq għall-interfaċċi tal-iċċarġjar u għall-protokollu ta' komunikazzjoni tal-iċċarġjar għal mowbajls u tagħmir tar-radju simili ieħor jirriżulta f'nuqqas ta' konvenjenza tal-konsumatur u f'żieda fl-e-skart.
- (6) L-interoperabbiltà bejn tagħmir tar-radju u aċċessorji bħal ċarġers hija mxekkla peress li hemm interfaċċi tal-iċċarġjar differenti għal ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju li jużaw iċċarġjar bil-fili bħal mowbajls li jinżammu fl-idejn, tablets, kameras diġitali, kuffji, consoles tal-logħob bil-vidjo li jinżammu fl-idejn u spikers portabbli. Barra minn hekk, hemm diversi tipi ta' protokollu tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar rapidu li għalihom mhux dejjem ikun garantit livell minimu ta' prestazzjoni. B'riżultat ta' dan, hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni biex jiġi promoss grad komuni ta' interoperabbiltà u l-ġħoti ta' informazzjoni relatata mal-karatteristiċi tal-iċċarġjar tat-tagħmir tar-radju lill-utenti finali. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti xierqa fid-Direttiva 2014/53/UE rigward il-protokollu tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, l-interfaċċa tal-iċċarġjar (jiġifieri r-recipient tal-iċċarġjar) ta' ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-utenti finali dwar il-karatteristiċi tal-iċċarġjar ta' dawk il-kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju.
- (7) In-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'dan il-qasam jista' jwassal għal differenzi sostanzjali bejn il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet jew il-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-interoperabbiltà tal-mowbajls u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju bl-apparat tal-iċċarġjar tagħhom, u dwar il-provvista ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparat tal-iċċarġjar.
- (8) Id-daqs tas-suq intern fil-mowbajls rikarikabbli u kategoriji jew klassijiet simili ta' tagħmir tar-radju, il-proliferazzjoni ta' tipi differenti ta' apparati tal-iċċarġjar għal tali tagħmir tar-radju u l-kummerċ transfruntier sinifikanti ta' dawk il-prodotti jitolbu azzjoni leġiżlattiva aktar b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni aktar milli fil-livell nazzjonali jew inkella f'miżuri volontarji, sabiex jinkiseb il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
- (9) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-interfaċċa tal-iċċarġjar u l-protokollu tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar jiġu armonizzati għal kategoriji jew għal klassijiet speċifiċi ta' tagħmir tar-radju rikarikabbli permezz ta' iċċarġjar bil-fili. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi pprovduta l-bażi għall-adattament għal kwalunkwe progress teknoloġiku futur billi tiġi introdotta armonizzazzjoni tal-interfaċċi tal-iċċarġjar u tal-protokollu tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista' jiġi iċċarġjat permezz ta' kwalunkwe mezz għajr l-iċċarġjar bil-fili, inkluż l-iċċarġjar permezz ta' mewġ tar-radju (iċċarġjar mingħajr fili). Tali armonizzazzjoni jenħtieġ li tnaqqas l-iskart ambjentali, tiżgura l-konvenjenza tal-konsumatur u tevita l-frammentazzjoni tas-suq fost interfaċċi differenti tal-iċċarġjar u l-protokollu tal-komunikazzjoni tal-

iċċarġjar kif ukoll fost kwalunkwe inizjattiva fil-livell nazzjonali, li tista' tikkawża ostakli għall-kummerċ fis-suq intern.

- (10) Madankollu, armonizzazzjoni bħal din ma tkunx kompluta, jekk ma tkunx ikkombinata ma' rekwiżiti dwar il-bejgħ ikkombinat ta' tagħmir tar-radju u ċ-ċarġers tagħhom u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-utenti finali. Frammentazzjoni tal-approċċi fost l-Istati Membri fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kategoriji jew tal-klassijiet tat-tagħmir tar-radju kkonċernat u l-apparat tal-iċċarġjar tagħhom tfixkel il-kummerċ transfruntier f'dawk il-prodotti, pereżempju billi tobbliga lill-operaturi ekonomiċi jippakkjaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom skont l-Istat Membru, li fih għandhom jiġu fornuti l-prodotti. Dan min-naħa tiegħu jirriżulta f'aktar inkonvenjent għall-konsumaturi u jiġġenera e-skart bla bżonn u b'hekk jikkompensa għall-benefiċċji li jirriżultaw mill-armonizzazzjoni tal-interfaċċa tal-iċċarġjar u l-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-utenti finali ma jkunux obbligati jixtru apparat ġdid għall-iċċarġjar kull darba li jixtru mowbajl ġdid jew oġġett simili ta' tagħmir tar-radju. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-rekwiżiti, l-utenti finali jenħtieġ li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi tal-iċċarġjar meta jixtru mowbajl jew oġġett simili ta' tagħmir tar-radju.
- (11) Huwa teknikament fattibbli li l-USB tat-Tip-C jiġi definit bħala r-riċipjent tal-iċċarġjar komuni għall-kategoriji jew għall-klassijiet rilevanti tat-tagħmir tar-radju. It-teknoloġija tal-USB tat-Tip-C, li qed tintuża globalment ġiet adottata fil-livell tal-istandardizzazzjoni internazzjonali u ġiet trasposta fis-sistema Ewropea mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) skont is-serje tal-Istandard Ewropew EN IEC 62680-1<sup>5</sup>.
- (12) Il-USB tat-Tip-C hija teknoloġija li diġà hija komuni għal ħafna kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju peress li tipprovdi ċċarġjar u trasferiment tad-*data* ta' kwalità għolja. Ir-riċipjent tal-iċċarġjar tal-USB tat-Tip-C, meta kkombinat mal-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar tal-Kunsinna tal-Enerġija tal-USB, ikun kapaċi jipprovdi sa 100W ta' enerġija u għalhekk iħalli biżżejjed spazju għal aktar żvilupp ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar rapidu, filwaqt li jippermetti lis-suq jipprovdi għal mowbajls ta' livell baxx li ma jeħtiġux iċċarġjar rapidu. Il-mowbajls u tagħmir tar-radju simili li jappoġġaw l-iċċarġjar rapidu jistgħu jinkorporaw il-karatteristiċi tal-Kunsinna tal-Enerġija tal-USB kif deskritti fl-istandard EN IEC 62680-1-2:2020 "Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku - Parti 1-2: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tal-Provvista tal-Elettriku tal-USB".
- (13) Fir-rigward tal-iċċarġjar b'mezzi oħrajn għajr l-iċċarġjar bil-fili, jistgħu jiġu żviluppati soluzzjonijiet diverġenti fil-futur, li jista' jkollhom impatti negattivi fuq l-interoperabbiltà, fuq il-konvenjenza tal-konsumatur u fuq l-ambjent. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi fuq tali soluzzjonijiet f'dan l-istadju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tiegħu azzjoni lejn l-armonizzazzjoni tagħhom fil-futur, jekk tiġi osservata frammentazzjoni fis-suq intern.
- (14) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex ikopri l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokoll tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar. Il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju koperti speċifikament minn din id-dispożizzjoni l-ġdida jenħtieġ li jiġu spjegati aktar fid-dettall f'anness ġdid tad-Direttiva 2014/53/UE.

---

<sup>5</sup> Interfaċċi tal-universal serial bus għad-*data* u l-elettriku - Parti 1-3: Komponenti komuni - Speċifikazzjoni tal-Kejbil u tal-Konnettur tal-USB tat-Tip-C™

- (15) Id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata wkoll sabiex jiddaħħal Artikolu ġdid li jkun relatat mar-rekwiżiti dwar il-provvista ta' ċerti kategoriji jew klassijiet ta' tagħmir tar-radju mingħajr apparati tal-iċċarġjar. Il-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju kkonċernat kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tas-soluzzjonijiet tal-iċċarġjar jenħtieġ li jiġu speċifikati f'anness ġdid tad-Direttiva 2014/53/UE.
- (16) L-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/53/UE jipprevedi li l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fl-istruzzjonijiet għall-użu u għalhekk jenħtieġ li jiddaħħlu rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali f'dak l-Artikolu. Id-dettalji tar-rekwiżiti l-ġodda jenħtieġ li jiġu speċifikati fl-anness il-ġdid tad-Direttiva 2014/53/UE. Dawk ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jippermettu lill-konsumaturi jiddeterminaw l-aktar provvista tal-elettriku esterna xierqa (EPS) meħtieġa biex jiċċarġjaw it-tagħmir tar-radju tagħhom. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawk ir-rekwiżiti jiġu adattati fil-futur sabiex tiġi riflessa kwalunkwe bidla fir-rekwiżiti tat-tikkettar għall-EPS, li tista' tiġi introdotta skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
- (17) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/53/UE, li jistabbilixxi l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jiżdiedu referenzi għar-rekwiżiti essenzjali l-ġodda li jridu jiddaħħlu fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, il-manifattur jenħtieġ li jkollu l-għażla li jsegwi l-proċedura ta' kontroll intern sabiex juri l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali l-ġodda.
- (18) L-Artikoli 40, 43 u 44 tad-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li jiġu emendati sabiex ir-referenzi li jinkludu jiġu adattati għad-dispożizzjonijiet il-ġodda li huma introdotti b'din id-Direttiva.
- (19) Sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe żvilupp futur fit-teknoloġija tal-iċċarġjar u sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar għal tali tagħmir tar-radju, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda l-kategoriji jew il-klassijiet tat-tagħmir tar-radju u l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-interfaċċi tal-iċċarġjar u l-protokolli tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, kif ukoll id-dettalji dwar l-informazzjoni fir-rigward tal-iċċarġjar. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tnejn tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>7</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tagħha tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn tagħha ta' atti delegati.
- (20) Għalhekk, id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.
- (21) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jipproċedu bl-adattamenti meħtieġa għat-tagħmir tar-radju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li huma għandhom l-intenzjoni li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

<sup>7</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/53/UE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
  - (a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-virgola u l-frażi “, b’mod partikolari maċ-ċarġers komuni” huma sostitwiti bil-frażi “għajr l-apparat tal-iċċarġjar għall-kategoriji jew il-klassijiet ta’ tagħmir tar-radju, speċifikati fl-Anness Ia, il-Parti I, li huma speċifikament imsemmija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu”;
  - (b) jizzied il-paragrafu li ġej:

“4. It-tagħmir tar-radju li jaqa’ fil-kategoriji jew fil-klassijiet speċifikati fl-Anness Ia, il-Parti I għandu jinbena b’tali mod li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet dwar l-iċċarġjar stabbiliti f’dak l-Anness għall-kategorija jew għall-klassi rilevanti ta’ tagħmir tar-radju.

Fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista’ jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta’ ċċarġjar bil-fili, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness Ia fid-dawl tal-progress tekniku, u li tiżgura l-interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar tiegħu, billi:

- (a) timmodifika, iżżid jew tneħħi kategoriji jew klassijiet ta’ tagħmir tar-radju;
- (b) timmodifika, iżżid jew tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż ir-referenzi u d-deskrizzjonijiet, fir-rigward tar-reċipjent(i) tal-iċċarġjar u l-protokoll(i) tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, għal kull kategorija jew klassi ta’ tagħmir tar-radju kkonċernat(i).”

Fir-rigward tat-tagħmir tar-radju li jista’ jiġi ċċarġjat mill-ġdid permezz ta’ mezzi li ma humiex l-iċċarġjar bil-fili, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 44 sabiex temenda l-Anness Ia fid-dawl tal-progress tekniku, u li tiżgura l-interoperabbiltà komuni minima bejn it-tagħmir tar-radju u l-apparat tal-iċċarġjar tagħhom, billi:

- (a) tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi kategoriji jew klassijiet ta’ tagħmir tar-radju;
- (b) tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż ir-referenzi u d-deskrizzjonijiet, fir-rigward tal-interfaċċa/i tal-iċċarġjar u tal-protokoll(i) tal-komunikazzjoni tal-iċċarġjar, għal kull kategorija jew klassi ta’ tagħmir tar-radju kkonċernat.”;

- (2) għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

*“Artikolu 3a*

**Il-possibbiltà għall-utenti finali li jiksbu ċerti kategoriji jew klassijiet ta’ tagħmir tar-radju mingħajr apparat tal-iċċarġjar**

Meta operatur ekonomiku joffri lill-utenti finali l-possibbiltà li jakkwistaw tagħmir tar-radju li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 3(4) flimkien ma’ apparat tal-iċċarġjar, l-utent finali għandu jiġi offrut ukoll il-possibbiltà li jikseb it-tagħmir tar-radju mingħajr ebda apparat tal-iċċarġjar.”;

- (3) fl-Artikolu 10(8), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Tagħmir tar-radju li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(4) għandu jkun akkumpanjat b’informazzjoni dwar speċifikazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-iċċarġjar u mal-apparat tal-iċċarġjar tiegħu, kif deskritt fil-Parti II tal-Anness Ia. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 44 sabiex temenda l-Parti II tal-Anness Ia, billi tintroduċi, timmodifika, iżżid jew tneħħi kwalunkwe dettall fir-rigward ta’ dik l-informazzjoni jew il-mod kif tali informazzjoni għandha tiġi indikata.”;

- (4) fl-Artikolu 17(2), il-frażi “fl-Artikolu 3(1)” hija sostitwita bil-frażi “fl-Artikolu 3(1) u (4)”;

- (5) L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Proċedura fil-livell nazzjonali għat-trattament ta’ tagħmir tar-radju li jippreżenta riskju jew li ma jikkonformax mar-rekwiżiti essenzjali”;

- (b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, jiżdiedu l-kliem “jew li ma jikkonformax ma’ mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti essenzjali applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3” wara l-kliem “protezzjoni ta’ interess pubbliku koperti mir-rekwiżiti essenzjali f’din id-Direttiva”;

- (6) L-Artikolu 43(1) huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (h), il-kliem “l-informazzjoni dwar l-użu intiż tat-tagħmir tar-radju” huwa sostitwit bil-kelma “l-informazzjoni”;

- (b) il-punt (j) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(j) ma hemmx konformità mal-Artikolu 3a jew 5.”;

- (7) L-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 2, is-sentenza li ġejja tiddaħħal wara l-ewwel sentenza:  
“Fir-rigward tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(4) u fl-Artikolu 10(8), it-tielet subparagrafu, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva]”;
- (b) fil-paragrafi 3 u 5, il-frażi “tal-Artikolu 3(3), 4(2) u 5(2)” hija sostitwita bil-frażi “tal-Artikolu 3(3), l-Artikoli 3(4), 4(2) u 5(2) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(8)”;
- (8) it-test stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva jiddaħħal bħala Anness Ia.

### *Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data – 12-il xahar wara l-adozzjoni ta’ din id-direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.
- Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data 12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta’ traspożizzjoni indikat fis-subparagrafu preċedenti].
- Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b’tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

### *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*